Nru. 17,894
Prezz 80ċ
Price 80c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2006
Tuesday, 14th March, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 231**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,889 u 17,891 tas-7 u l-10 ta' Marzu, 2006, rispettivament.

A.L. Nru. 59 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Amalgamazzjonijiet, Diviżjonijiet, Trasferimenti ta' Attiv u Skambji ta' Azzjonijiet.

A.L. Nru. 60 ta' l-2006: Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sustanzi li Jikkontaminaw fl-Ikel (Metodi kif jittieħdu l-Kampjuni u kif issir l-Analiżi).

A.L. Nru. 61 ta' l-2006: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Farmakoviġilanza.

A.L. Nru. 62 ta' l-2006: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Metodi ta' Analiżi għall-Kontroll Uffiċjali ta' l-Għalf.

L-14 ta' Marzu, 2006

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 231**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,889 and 17,891 of the 7th and 10th March, 2006, respectively.

L.N. No. 59 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Mergers, Divisions, Transfers of Assets and Exchanges of Shares (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 60 of 2006: Food Safety Act (Cap. 449); Contaminants in Food (Sampling and Analysis Methods) (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 61 of 2006: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Pharmacovigilance Regulations, 2006.

L.N. No. 62 of 2006: Veterinary Services Act (Cap. 437); Methods of Analysis for the Official Control of Feedingstuffs (Amendment) Rules, 2006.

14th March, 2006

**Nru. 232**

**L-ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR (KAP. 438)**

**Ħatra ta' Membri ta' l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa mogħtija lilu bl-Artikolu 9 ta' l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għoġbu jaħtar il-Membri ta' l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob kif ġej:

Is-Sur Jesmond Pace;

Dott. Roberta Fenech Gauci, LL.D.

Il-ħatra tas-Sur Jesmond Pace hija b'seħħ mill-20 ta' Settembru, 2005 sal-31 ta' Lulju, 2006.

Il-ħatra ta' Dott. Roberta Fenech Gauci, LL.D., li kienet neċessarja wara r-riżenja ta' Dott. Bernardette Muscat, LL.D., hija b'seħħ mid-29 ta' Diċembru, 2005 sal-31 ta' Lulju, 2006.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 220 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,891 ta' l-10 ta' Marzu, 2006 hija b'din sostitwita.

L-14 ta' Marzu, 2006

**No. 232**

**LOTTERIES AND OTHER GAMES ACT (CAP. 438)**

**Appointment of Members of the Lotteries and Gaming Authority**

IT is hereby notified that in terms of the powers conferred upon him by Article 9 of the Lotteries and Other Games Act, the Prime Minister and Minister of Finance has appointed the following Members of the Lotteries and Gaming Authority:

Mr Jesmond Pace;

Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D.

The appointment of Mr Jesmond Pace is with effect from 20th September, 2005 until 31st July, 2006.

The appointment of Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D., was needed following the resignation of Dr Bernardette Muscat, LL.D., and is with effect from 29th December, 2005 until 31st July, 2006.

Government Notice No. 220 published in Government Gazette No. 17,891 of the 10th March, 2006 is hereby substituted.

14th March, 2006

**Nru. 233**

**KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali approva illi s-Sur Victor A. Galea u s-Sur Norman Aquilina jkunu nominati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sat-28 ta' Settembru 2006.

L-14 ta' Marzu, 2006

**No. 233**

**MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (CAP. 431)**

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister and Minister of Finance, in accordance with the provisions of Section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development has approved that Mr Victor A. Galea and Mr Norman Aquilina be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development up to 28th September 2006.

14th March, 2006

**Nru. 234**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li t-tibdil li ġej kien effettwat fil-kompożizzjoni tat-Taqsima dwar il-Patrimonju Kulturali tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju kif oriġinarjament imħabbar fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Numru 1088 tat-28 ta' Ottubru 2005:

Ms Joan Abela, BA (Hons) (History) u s-Sur Hermann Bonnici, B.E.&A. (Hons), M.Sc Arch, Con (Edin), A.&C.E., inħatru membri minflok ir-Rev Dun Gino Gauci u Ms Cynthia Degiorgio, MA Baroque Studies.

L-14 ta' Marzu, 2006

**No. 234**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Heritage Advisory Committee**

IT is notified for general information that the following changes have been effected in the composition of the Cultural Heritage Panel of the Heritage Advisory Committee as originally published in Government Notice Number 1088 of the 28th October 2005:

Ms Joan Abela, BA (Hons) (History) and Mr Hermann Bonnici, B.E.&A. (Hons), M.Sc Arch, Con (Edin), A.&C.E., have replaced Rev. Fr Gino Gauci and Ms Cynthia Degiorgio, MA Baroque Studies as members.

14th March, 2006

**Nru. 235**

**MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

**Segretarji tal-Kunsilli Lokali**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

| *Lokalità tal-Kunsill Lokali* | *Segretarju* |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ | Christopher Formosa |

It-8 ta' Marzu, 2006

**No. 235**

**MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS**

**Local Councils Secretaries**

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Cap. 363), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Executive Secretary of the respective Local Council:–

| *Local Council Locality* | *Secretary* |
|---|---|
| Żebbuġ | Christopher Formosa |

8th March, 2006

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, is-16 ta' Marzu, 2006 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Għajnsielem, Għajnsielem fis-6.30 p.m.

Il-persuni li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem huma mħeġġa li jattendu.

L-14 ta' Marzu, 2006

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Thursday, 16th March, 2006 at the Administrative Council Office, Triq Għajnsielem, Għajnsielem at 6.30 p.m.

The persons whose names appear in the Għajnsielem Local Council's Electoral Register are urged to attend.

14th March, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' Konsulent Pedjatriku b'Interess fl-Endokrinoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' Konsulent Pedjatriku b'interess fl-Endokrinoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' Konsulent Pedjatriku għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full - time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun suġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' Konsulent Pedjatriku b'interess fl-Endokrinoloġija tifforma parti mid-Dipartiment tal-Pedjatrija u taqa' taħt iċ-*Chairman* ta' l-istess Dipartiment. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' kura lit-tfal li għandhom problemi ta' *endocrine* u kundizzjonijiet relatati, inkluż it-twaqqif u r-reviżjoni tar-regolamenti għall-maniġġjar ta' l-istess mard, kif ukoll għat-taħriġ ta' ħaddiema mediċi u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Consultant Paediatrician with an Interest in Endocrinology in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Paediatrician with an interest in Endocrinology in the Health Division.

2. The post of Consultant Paediatrician carries a salary of Lm10,503 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour-week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions which may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Paediatrician with an interest in Endocrinology will form part of the Department of Paediatrics and will be directly accountable to the Chairman of Paediatrics. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Paediatrics and to participate in its teaching programmes.

5.2. The appointee will be responsible to ensure a high standard of care of sick children with endocrine problems and related conditions including the establishment and review of guidelines for their management, and training of medical and paramedical staff. The appointee will be required to keep

paramediċi. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm ruħha aġġornata fl-iżviluppi ġodda f'din is-*subspeciality* u tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn l-iżviluppi fid-Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.3. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tassigura l-implimentazzjoni ta' taħriġ kontinwu u programm edukattiv għall-impjegati li jikkuraw il-pazjenti taħt il-kariga tagħha.

5.4. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Ir-risponsabbiltajiet kliniċi tal-persuna nominata jinkludu l-kura għall-*endocrine* fit-tfal flimkien maċ-*Chairman* tad-Dipartiment. Il-post jista' jinvolvi wkoll xogħol kliniku fil-maniġġjar ta' tfal b'mard ieħor minbarra *endocrine* skond l-esiġenzi tad-Dipartiment tal-Pedjatrija u skond ix-xogħol kliniku li jkollhom il-Konsulenti l-oħra fid-Dipartiment.

5.6. Il-persuna nominata jkollha risponsabbiltà ewlenija li torganizza, tiżviluppa u tmexxi *Paediatric Endocrinology Sub-Unit* fid-Dipartiment tal-Pedjatrija, flimkien maċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija. Hi tkun responsabbli għall-maniġġjar ta' kuljum ta' tfal bi problemi ta' *endocrine* inklużi d-dijabete u ħxuna, u tkun meħtieġa tissorvelja l-metodi kollha tat-terapija tagħhom.

5.7. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tikkordina ma' professjonisti tas-saħħa u awtoritajiet involuti fil-problema ta' ħxuna fit-tfal u li twaqqaf programm nazzjonali biex tindirizza din il-problema.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf *follow-up clinic* għaż-żgħażagħ biex tassigura li pazjenti li jbatu minn *endocrine* u diżordnijiet relatati jgħaddu mingħajr tfixkil taħt il-kura tat-tobba li jimmaniġġjaw pazjenti adulti.

5.9. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz ta' endokrinoloġija għat-tfal li jkunu ammessi minn Konsulenti oħra fid-Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.10. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.11. Il-persuna nominata trid tikkontribwixxi fit-twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' verifika medika.

abreast of new developments in this subspeciality and will be responsible for implementing these developments in the Department of Paediatrics.

5.3. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.4. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.5. The clinical responsibilities of the appointee will include the care of children requiring endocrine treatment in conjunction with the Chairman of the Department. The post may also involve clinical duties in the management of children with general paediatric conditions other than endocrine problems, according to the exigencies of the Department of Paediatrics and existing clinical commitments of the other consultant grade staff within the Department.

5.6. The appointee will have primary responsibility for organising, developing and running a Paediatric Endocrinology Sub-Unit within the Department of Paediatrics, in conjunction with the Chairman of Paediatrics. He/She will be responsible for the day-to-day management of children with endocrine problems including paediatric diabetes and obesity and will be required to supervise all modalities of their therapy.

5.7. The appointee will be required to liaise with the relative health professionals and authorities involved with the problem of childhood obesity and to set up a national programme to address this problem.

5.8. The appointee will be required to set up an adolescent follow-up clinic to ensure the smooth transition of patients with endocrine and related disorders to the care of physicians who manage adult patients.

5.9. The appointee will be expected to provide an endocrinology service for children who may be admitted under the care of the other Consultants in the Department of Paediatrics.

5.10. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.11. The appointee will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.12. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġizlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibbilità ta' reġistrazzjoni bħala Speċjalista fil-Pedjatrija fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (e.ż. MRCPCH jew kwalifika adatta komparabbli) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

5.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Paediatrics in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. MRCPCH or an approved comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (eż MRCPCH jew kwalifika adattata komparabbli) u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom ikunu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

(iii) a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. MRCPCH or an approved appropriate comparable qualification) and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' April 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' April 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-14 ta' Marzu, 2006

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 7th April 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 7th April 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

14th March, 2006

## MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

### United Nations (UN) Programme of Fellowships on Disarmament

The public is invited to apply for the UN Programme of Fellowships on Disarmament. The objective of the Programme is to promote the expertise in disarmament in more Member States, particularly in developing countries. The purpose of the fellowships is therefore to enable the participants to derive from their training added knowledge and professional competence that will help to increase their ability to fulfill their duties in the field of disarmament and international security upon return to positions in their respective governments.

The United Nations Fellowships on disarmament are intended for young individuals involved in, or about to commence work within, the political structures of their respective Governments in the areas of disarmament, international security and related matters. Candidates must have an advanced knowledge (Master's Degree or equivalent). A first University Degree with a relevant combination of academic qualifications and/or professional experience may be accepted in lieu of the advanced university degree. Candidates must be fluent in English or French and have a good working knowledge of the other.

The UN Programme of Fellowships on Disarmament will start in Geneva at the end of August 2006 and will finish in New York in early November 2006. The exact dates will be communicated to existing fellows in due time.

The UN will provide airline tickets to fellows for travel connected with the UN Programme of Fellowships on Disarmament. Fellows will be responsible for obtaining all necessary visas in connection with their participation in the programme.

Further information and applications forms are available from the Ministry of Foreign Affairs (MFA), the Ministry's website (www.mfa.gov.mt) or the Department of Information (www.doi.gov.mt), or the Information Section, Banca Giuratale, Gozo.

Relevant application forms should be submitted as indicated below:

MFA Form – one copy (obtained from the MFA or www.mfa.gov.mt)
UN Form – one copy (obtained from the MFA)

These application forms should be submitted to the Scholarship Section of the Ministry of Foreign Affairs by not later than noon, Wednesday 5th April 2006.

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private Sector of Malta upon completion.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

Late applications will not be considered.

The Board's decision will be final.

14th March, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Marzu, 2006 għal:**

CT 25/2006. Tibdil ta' saqaf tal-konkrit fil-*workshops* tal-vetturi tal-MCAST, Kampus ta' Kordin, Raħal Ġdid - MCAST. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 27/2006. Servizzi ta' tindif mal-bini kollu tal-kampus tal-*Junior College* - Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 28/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *typhoid vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 29/2006. Provvista ta' *orthopaedic bone cement with gentamycin* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 30/2006. Provvista ta' *USS titanium side opening pedicle screws and USS titanium hook-sets-implants* - Dipartiment tas-Saħħa.
Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

CT 42/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' bnadar ta' l-Unjoni Ewropea lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th March, 2006, for:**

CT 25/2006. Replacement of a concrete roof at the MCAST motor vehicle workshops Corradino Campus, Paola - MCAST. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 27/2006. Cleaning services to all buildings on the Junior College Campus - University of Malta. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 28/2006. Supply of typhoid vaccine injections - Department of Health.

CT 29/2006. Supply of orthopaedic bone cement with gentamycin - Department of Health.

CT 30/2006. Supply of USS titanium side opening pedicle screws and USS titanium hook-sets-implants - Department of Health.
The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 42/2006. Period contract for the supply of European Union flags to the Procurement Section of the Contracts Department.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Marzu, 2006 għal:**

CT 18/2006. Xiri ta' tagħmir għall-Metroloġija biex isaħħaħ l-operat tas-Sorveljanza tas-Suq, li jinkludi wkoll *semi-trailer* u *printer* tal-kulur. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Jannar 2006 biex jiġi ppubblikat.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-Transition Facility 2004. (*Budget* Allokat: Euros 439,000 mingħajr V.A.T.).

CT 22/2006. Xogħlijiet ta' twaqqigħ, alterazzjoni u kostruzzjoni, servizzi mekkaniċi u ta' l-elettriku u ta' tlestija f'kumpless ta' *workshops* fl-*MCAST* tax-Xewkija, Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm87,460 mingħajr V.A.T.)

CT 34/2006. Provvista ta' *cholostyrine powder* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 35/2006. Provvista ta' *calcipotriol cream* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT/CD/1/2006. Servizzi ta' reklamar u komunikazzjoni tal-*marketing* – Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Frar 2006.

CT45/2006. Kostruzzjoni ta' diversi toroq fl-inħawi Tal-Qattus, Birkirkara – Direttorat tat-Toroq.

Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Marzu, 2006 għal:**

CT 57/2006. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili u bini fil-Buġibba *Perched Beach* - Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Marzu, 2006 għal:**

CT 24/2006. Xogħol ta' kostruzzjoni għal *Skills Development Centre extension* and *link block* fiċ-Ċentru ta' l-*Office Skills* fil-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, Ħal Far. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm97,469 mingħajr V.A.T.).

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st March, 2006, for:**

CT 18/2006. Purchase of Metrology equipment to further support Market Surveillance, including semi-trailer and colour printer. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20 January 2006 for publication.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The Transition Facility 2004 Programme for Malta. (Allocated Budget: Euros 439,000 excluding V.A.T.).

CT 22/2006. Demolition, alteration and construction works, mechanical and electrical services and finishing in workshops complex at the MCAST of Xewkija, Gozo. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm87,460 excluding V.A.T.).

CT 34/2006. Supply of cholostyrine powder - Department of Health.

CT 35/2006. Supply of calcipotriol cream - Department of Health.

CT/CD/1/2006. Invitation to tender for advertising and marketing communication services – Malta Tourism Authority.

The Contract Notice was dispatched on the 14th February 2006.

CT45/2006. Construction of various streets at Tal-Qattus, Birkirkara – Roads Directorate.

A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd March, 2006, for:**

CT 57/2006. Civil engineering and construction works on the Buġibba Perched Beach - Malta Tourism Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th March, 2006, for:**

CT 24/2006. Construction of Skills Development Centre extension and link block at The Employment and Training Corporation, Office Skills Centre, Ħal Far. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm97,469 excluding V.A.T.).

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-30 ta' Marzu, 2006 għal:**

CT 31/2006. Akkwist ta' apparat għal *air monitoring* u provvista għal taħriġ prattiku - Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Frar 2006 .

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-Transition Facility 2004. (*Budget* Allokat: Euros 194,000 inkluż V.A.T.).

CT 32/2006. Provvista ta' *alcohol tax stamps* - Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Frar 2006.

CT 40/2006. Xiri ta' vetturi *second hand* għall-Isptar San Vinċenz de Paule – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

CT 41/2006. Provvista ta' żraben tal-militar għall-Forzi Armati ta' Malta – Forzi Armati ta' Malta.

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' April, 2006 għal:**

CT 48/2006. Kiri ta' karozzi tat-tip *self drive* lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi (MSD) - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 49/2006. Provvista ta' pilloli *anlodipine 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 50/2006. Provvista ta' pilloli *hydroxychloroquine sulphate 200mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 51/2006. Provvista ta' *yellow fever vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 52/2006. Provvista ta' pilloli *methylphenidate 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 53/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *dobutamine 250mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 54/2006. Provvista ta' ngwanti *sterile non powdered,* Qies: 7.5 - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 55/2006. Provvista ta' pilloli *stilbaestrol 5mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 56/2006. Analiżi ta' residwi tad-droga u kontaminanti għall-*Food and Veterinary Regulation Division* - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 30th March, 2006, for:**

CT 31/2006. Acquisition of air monitoring equipment and provision of practical training - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd February 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The Transition Facility 2004 Programme for Malta (Allocated Budget: Euros 194,000 including V.A.T.).

CT 32/2006. Supply of alcohol tax stamps - Customs Department. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th February 2006.

CT 40/2006. Purchase of second hand vehicles for Saint Vincent de Paule Hospital – Elderly Care and Community Department.

CT 41/2006. Supply of military footwear to the Armed Forces of Malta – Armed Forces of Malta.

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th April, 2006, for:**

CT 48/2006. Hire of self drive cars by the Manufacturing and Services Department (MSD) - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 49/2006. Supply of anlodipine 10mg tablets - Department of Health.

